MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 766/2013

Bank **of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Kurt Mario Bezzina**

**(K.I numru 397488 (M))**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Romuald Attard ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tat-8 ta' Awwissu 2013 li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, wiehed minnhom fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Frar 2010 (Dok. "A" ) u iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia datat 16 ta' Settembru 2011 (Dok. "B") u permezz ta' zewg skritturi privati wahda minnhom datata 21 ta' Lulju 2011 (Dok."C") u l-ohra data 3 ta'Lulju 2012 (Dok. "D") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajtajiet bankarji lil Kurt Mario Bezzina.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Kurt Mario Bezzina fis-somma ta' mija u disgha u tmenin elf, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€189,242.67) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Kurt Mario Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."E1" sa "E2" Dok."F1" sa "F2" Dok."G", Dok."H" u Dok."I") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok. "A" , Dok."B", Dok. "C" u Dok. "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kurt Mario Bezzina:*

   *(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati;*

   *(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti, u skritturi privati sopraindikati u/jew ;*

   *(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Kurt Mario Bezzina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Kurt Mario Bezzina gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Frar 2013, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok. "A" ,*

*Dok."B", Dok. "C" u Dok. "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kurt Mario Bezzina:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, u skritturi privati sopraindikati u /jew;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Kurt Mario Bezzina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u*

2. *Tikundanna lil Kurt Mario Bezzina jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u tmenin elf, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€189,242.67) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Kurt Mario Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."E1" sa "E2" Dok."F1" sa "F2" Dok."G", Dok."H" u Dok."I") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2013, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-, intimat, permezz tal-procedura tal-affissjoni, fit-23 t' Ottubru 2013 (a fol. 74 dorso), u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 t' Ottubru 2013 (a. fol. 69) u fil-Gazzetti Lokali fil-25 Ottubru 2013 (a fol. 72 u 73);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’Jannar 2014, li bih akkordat lill-intimat terminu t’ghaxart ijiem sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li l-intimat ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta’ Michael Micallef, rapprezentant tal-bank attur, (vide fol 77 tal-process) jirrizulta li l-intimat ma ghamlet ebda hlas jew pagament akkont tal-ammont mitlub fir-rikors guramentat mid-data tal-prezentata tal-istess rikors guramentat u ghaldaqstant is-somma ta’ mija u disgha u tmenin elf, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€189,242.67) ghadha dovuta fl-interita’ taghha.

Illi di piu, fil-kontumacja tal-intimat, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank rikorrenti bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba mill-istess bank rikorrenti kontra l-intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------